MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1297/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited**
**vs**

**Adrian Cassar Galea fil-kwalita` tieghu ta' direttur u ghan-nom u in rapprezentanza ta' GIS Insurance Brokers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-21 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u disgha u tletin lira lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm1439.12c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta' attrici ad inkarigu tal-konvenut nomine;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Frar, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' L-Avviz sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut nomine ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michael Zammit Maempel ghas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentament pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u erba' mija u disgha u tletin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm1439.12c) bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Mejju, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut noe skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**